MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1445/2003

**Avviz Numru 1445/03AJD**
**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Joseph Alfred Schembri**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Lulju 2003, fejn gie mitlub illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u disghin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm190.21) rapprezentanti prezz ta' servizzi in konnessjoni ma' 'mobile phone' bin-numru 99225689.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment mal-Avviz u bl-interessi kontra

l-konvenut mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra l-ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u disghin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezm (Lm190.21), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-Avviz tat-Talba, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------